MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Numru. 407/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD CHARLES SPITERI**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**VS**

**ELIZIENNE ZAMMIT**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Elizienne Zammit, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 547275M.

## Akkuzata talli:

F'dawn il-Gzejjer, nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta` Dicembru, 2010, u fil-gimghat ta` qabel, f'hinijiet differenti b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex gieghlet titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta` elf, erba` mija sebgha u tletin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1,437.55) u dan ghad-dannu ta` Nazzareno Zammit u persuni ohra.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Dina l-kawza tikkoncerna zbank ta` ammont ta` flus minn *joint account* li kien f'isem l-imputata kif ukoll f'isem l-imputata kif ukoll f'isem zewgha, il-*parte civile* odjerna li fuq ir-rapport jew kwerela tieghu giet institwita dina l-kawza.

Illi, mix-xhieda prodotta, jidher illi kien hemm *tax refund* li kien *refund* dovut lill-imputata. Nonostante illi din il-koppja kellha *single computation* u cioe kull wiehed u wahda minnhom kienu jhallsu taxxa *pay as you earn* direttament stante illi, dak iz-zmien, huma t-tnejn kienu mpjegati mal-Gvern.

Illi, b'mod arbitrarju, id-Dipartiment tat-Taxxa hareg ic-*cheque* tar-*refund* f'isem ir-ragel waqt illi huwa car u lampanti mix-xhieda prodotta matul l-iter ta` din il-kawza, illi r-*refund* kien dovut lill-mara u cioe` lill-imputata.

Illi c-*cheque* kien fl-ammont ta` elf erba` mija tlieta u tletin ewro (€1,433), elf mija u erbghin ewro (€1,140) rapprezentanti *refund* li ghalih kienet

applikat l-istess imputata talli, bhala mara, ma hadietx *parental leave* bhala skema specjali li kien hareg il-gvern u mitejn tlieta u disghin ewro (€293) dovut bhala *refund* talli l-koppja kienet tibghat it-tifla skola privata liema *refund* kien dovut lit-tnejn u cioe` l-konjugi Zammit.

Illi dan ic-*cheque* kien gie depozitat minnha fil-*joint account* illi hija kellha mar-ragel u regghet irtirat l-ammont fi tnejn (2) jew tlett (3) *tranches* billi r-ragel taghha kien naqas milli jghaddilha manteniment ghat-tfal tul zmien twil. Dak iz-zmien hija rragunat illi l-ammont ta` elf mija u erbghin ewro (€1,140) kienu taghha u taghha biss stante li t-*tax refund* kien spettanti lilha waqt illi hija kien ghad ghandha d-dritt li tamministra l-*joint account* illi hija kellha mar-ragel stante wkoll illi dan kien naqas illi jghaddi manteniment ghat-tfal.
Illi l-Prosekuzzjoni ppruvat tikkonvinci l-Qorti li l-element intenzjonali sabiex tikkommenta frodi, da parte tal-imputata kienet illi hija kienet tghat istruzzjonijiet lid-Dipartiment tat-Taxxa sabiex hija tircievi dan ic-*cheque* ta` *refund* fid-dar ta` ommha stante li z-zewg konjugi kienu t-tnejn abbandunaw id-dar konjugali taghhom u hija kienet flimkien mat-tfal, marret toqghod ghand ommha. Illi, fil-fehma tal-Prosekuzzjoni dina l-ittra tad-Dipartiment kienet wahda malizjuza stante illi hija avzathom illi *we have moved house*. Izda, jirrizulta mill-provi prodotti. Illi anke l-*parte civile* kien hareg mid-dar konjugali u meta avzat lid-Dipartiment tat-Taxxa illi *we have moved house*, l-imputata ma kienetx taf fejn kien mar joqghod ir-ragel taghha.

Illi wiehed ghandu jiftakar, f'dan l-istadju li z-zewg partijiet, sia l-imputata kif ukoll il-*parte civile* kellhom id-dritt illi jamministraw dan il-*joint account*.

Illi dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputata kellha kull dritt fil-ligi li:

1. Tizbanka l-ammont ta` elf mija u erbghin ewro (€1,140) stante illi dawn kienu *refund* dovut strettament u personalment lilha u, kwindi taghha, dejjem *considerando* li l-koppja kienet thallas *separate computation* u kullwiehed kien ihallas il-*pay as you earn* taxxa tieghu.

2. Tizbanka l-ammont ta` mitejn tlieta u disghin ewro, €293, stante dawn iz-zewg ragunijiet:
   i. Dawn kienu dipozitati gewwa *joint account* illi t-tnejn kellhom id-dritt illi jamministraw u

   ii. Il-*parte civile* kien waqaf milli jmantni l-familja tieghu.

Illi anke l-Bank, permezz ta` Romwald Attard, waqt illi in fondo dawn il-flus lill-*parte civile* u kiteb ittra fejn ammetta li kien zball tieghu li dan ir-*refund* gie depozitat f'dak il-kont. Ergo, ma kienetx l-imputata li tat istruzzjonijiet *ad hoc* sabiex dan ic-*cheque* jigi depozitat f'dana l-kont partikolari. Ukoll, ghal dan l-izball tal-bank, giet imgieghlha thallas lura l-flus illi hija originarjament zbankat u, illum, il-bank iddikjara li huwa ma fadallux lanpanzi jew pendenzi mal-imputata.

Illi sabiex tigi ppruvata l-frodi, wiehed ghandu jipprova l-element intenzjonali ta` min jikkommetti dan ir-reat. Hawnhekk, il-Qorti giet indikata mid-difiza, zewg sentenzi –
**Repubblika ta` Malta vs Glen sive John Debattista** "*biex ikun hemm reat tat-truffa ghal dawk li huma artifizji mhux bizzejjed is-semplici gidba......izda jehtieg li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hemm dik l-impostatura li tikkostringi lil dak li jkun li jemmen li tnehhi kull suspett u li tipparalizza d-diligenza tal-ifrodat u tissorprendilu l-buona fede tieghu";*

**Pulizija vs Stephen Buhagiar** "*un particolare comportamento del reo che il codice desenia con espezione artifizio ragieri.....la causazione di errore il quale deve a sua volta dare origine a una disposizione patrimoniale un danno patrimoniale derivato del inganno con conseguente profitto per la gente o altro persona*".

Il-Qorti ghal dawn ir-ragunijiet, qiedgha ghalhekk issib lill-imputata mhux hatja u tilliberaha minn kull imputazzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------